MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Numru. 1013/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**vs**

**Antonia Cassar maghrufa ukoll bil-kunjom ta’ Garrett**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputata Antonia Cassar (maghrufa ukoll bil-kunjom ta’ Garrett), ta’

wiehed u erbghin (41) sena, bint Francis u Carmen nee' Bonnett, mwielda l-Pieta' nhar is-6 ta' Gunju 1969, residenti gewwa Blokk B4, Flat 2, Triq id-Dawr, Mosta, detentrici ta' karta tal- identita bin-numru 241369(M).

Talli nhar it-28 t' Awwissu 2010, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija (18:00hrs), gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, sitwata fi Triq Rudolfu, Sliema, bil-hsieb li

taghmel hsara lil xi persuna u cioe` lil Helen Gatt, akkuzajt lil din il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b`reat, fil-waqt li kont taf li dik il-persuna hija innocenti u dan ai termini ta' l-artikolu 101(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamilt denunzja lill-Pulizija Esekuttiva ta' reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt tracci ta' reat b`mod li setghu jinbdew proceduri kriminalli sabiex tizgura li dak ir-reat kien sar u dan ai termini ta' l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Tirrileva li l-imputata, wara li inghatat zmien adegwat, ikkonfermat id-dikjarazzjoni ta' htija fuq i-reati lilha addebitati;

Rat l-art 101(1) (6) u 110 (2) tal-Kap. 9 u tikkundannha ghall-prigunerija ghall-perijodu ta' sitt (6) xhur millum;

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-fedina penali tal-imputata; l-istorja personali tal-imputata kif imfissra mill-istess Prosekuzzjoni; u l-istorja medika tal-istess imputata fejn jirrizulta li inghata perijodu pjuttost qasir ta' hajja rizultat tal-kundizzjoni medika li tinsab fiha, ma tqisx li piena karcerarja hi idonea;

Rat ghalhekk l-art. 28A tal-Kap 9 u tordna li l-piena ta' prigunerija inflitta tkun sospiza ghall-perjodu ta' sena (1) millum;

Tiddikjara li fehmet lill-imputata bl-effetti tal-istess ordni fuq indikat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------